MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 444/2012

**Emma Brincat (ID 8633M) u zewgha Francis Brincat (ID 593930M)**

**Vs**

**Moira Pizzuto**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Lulju, 2012 fejn l-attrici tablet illi l-esponenti Emma Brincat tat is-servizzi taghha ta' senserija lill-konvenuta, u dan sabiex din ta' l-ahhar setghet tbiegh il-fond bin-numru erba' mija u tlieta u hamsin (453), Triq il-Kbira, San Guzepp , Santa Venera u dan versu l-hlas miftiehem ammontabbli ghal 2 percent tal-prezz tal-bejgh, b'kollox ghalhekk is-somma ta' tlett' elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) liema somma l-konvenuta, ghalkemm diversi drabi interpellata sabiex thallas, baqghet ma hallsitx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri Legali tat-8 u d-19 ta' Mejju, 2012 u bl-imghax Legali mid-data tal-kuntratt tal-bejgh (2 ta' Jannar, 2012) sal-hlas effetti. B'Digriet moghti mit-Tribunal Nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2012 id-data kif indikata " 2 ta' Jannar, 2012" trid tinqara "19 ta' Jannar 2012".

Il-konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fl-24 ta' Lulju, 2012 fejn eccepiet :

1. Illi l-eccipjenti ma ghamlet l-ebda kuntratt fit-2 ta' Jannar , 2012. L-uniku kuntratt li ghamlet kien fid-19 ta' Jannar, 2012 atti Nutar Anthony Gatt.
2. Illi l-attrici allegatament irrendiet servizzi ta' sensara mhux lill-eccipjenti bhala vendittrici izda lil certa Mary Galea bhala Kumprattrici. Qatt ma kien hemm ftehim maghha li tithallas senserija ta' aktar minn 1 percent.
3. Illi l-eccipjenti dejjem sostniet u l-attrici accettat hlas ta' 1 percent kif konfermat minn diversi xhiedha ghalkemm ma kenitx tenuta li thallas l-ebda ammont.
4. Illi l-eccipjenti offriet il-hlas ta' 1 percent ghal diversi drabi u ghalhekk ma ghandha tbaghti l-ebda spejjez.

Xehdu l-partijiet fejn l-attirci Emma Brincat spjegat illi hi tat servizzi ta' sensara sabiex tinbiegh proprjeta' tal-konvenuta Moira Pizzuto. L-attrici tghid illi hi kienet meta kienet irsistiet biex tinbiegh din il-prorpjeta'. Ftehmet mal-konvenuta li thallas bit-2 fil-mija. Effettivament tghid ukoll illi l-persuna li xtrat il-proprjeta' hallihula bit- 2 fil-mija.

Xehed ukoll Francis Brincat li spjega bhal martu Emma Brincat kif huma marru ghand il-konvenuta biex thallashom it-2 fil-mija pero' ma jispjegax jekk kienx prezenti meta sar il-ftehim li l-attrici tithallas bit-2 fil-mija. Il-konvenuta spjegat illi qatt ma ftehmet bill-hlas ta' 2 fil-mija. Anzi qalet illi l-persuna li xtrat id-dar kienet regghat kelmitha sena wara li ntroducieta l-attrici. Fill-fatt kienet

qaltilha biex ma jdahluhiex pero l-persuna li xtrat riedet tinvolvi lill-attrici ghaliex inkella ma tbiegheliex id-dar taghha li kellha ghal bejgh.

Il-partijiet meta resqu l-provi ma nnegawx illi l-attrici tat is-sehem taghha sabiex tinbiegh il-propjeta' tal-konvenuta u ghalhekk din jkollha tinghata dax li haqqa.

Pero' fl-istess waqt it-Tribunal ihoss illi ma ngabitx il-prova li tikkonferma illi l-ftehim kien ta' tnejn fil-mija u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa t-talba tal-attrici fit-total taghha. Fid-dawl ta' dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici fl-ammont ta' €1,748 u dan bhala senserija ta' wiehed fill-mija bl-imghax Legali mid-data tal-kuntratt u cioe' fid-19 ta' Jannar, 2012.

Spejjez tal-Kawza jkollhom jithallsu billi kull parti thallas dak dovut minnha.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------